MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1030/1999/1

**Philip GATT u Maria Ursola Gatt, għal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Mario ĊINI u Phyllis Ċini, għal kull interess li jista' jkollha**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Mejju, 1999, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-attur, żewġ l-attriċi Maria Ursola Gatt, jinsab fl-okkupazzjoni ta' porzjon raba fil-kontrada tal-Klawsura tal-Banda l-Bajda sive Tar-Ramel f'Wied Sant'Antnin limiti ta' Ħaż-Żebbug u ilu jaħdem din l-għalqa għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin;

Illi biex jeċċedi għal dina l-għalqa dejjem għamel użu minn xatba billi kellu ċ-ċavetta għaliha, liema xatba tinsab fl-għalqa okkupata mill-konvenut Mario Cini żewġ Phyllis Cini u dan peress li biex jidħol fl-għalqa tiegħu l-attur bilfors irid jgħaddi minn fejn hemm din ix-xatba;

Illi l-konvenut Mario Cini jew aġenti minnu mqabbda biddlu l-katnazz tax-xatba imsemmija b'mod li allura l-konvenut ma jistax jiftaħ u jagħmel użu minn din ix-xatba kif ilu snin jagħmel;

Illi l-konvenut b'dan l-aġir tiegħu ġie li kkometta spoll di fronte tal-atturi fl-elementi u termini kollha tiegħu kif prospettat f'artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u liema spoll ġie hekk kommess bejn it-23 u s-26 t'April, 1999;

Għalhekk l-atturi talbu ll din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll privileggjat di fronte tal-atturi bejn it-23 u s-26 t'April, 1999 jew data verjuri meta biddlu l-katnazz tax-xatba fuq imsemmija;

2. Tordnalhom u tikkundannahom sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu kollox għall-istat pristinu tiegħu u senjatament għax-xatba in kwistjoni okkorrendo taħt is-supervizjoni ta' periti nominandi; u

3. Fin-nuqqas li jagħmlu dak lilhom ordnat, l-atturi jiġu awtorizzati sabiex a spejjeż tal-konvenuti jagħmlu dak kollu neċessarju għall-fini tat-tieni talba. B'riserva ċara għal kwalunkwe azzjoni tad-danni spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti;

Bl-ispejjeż u bil-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Ġunju, 2000, li biha l-imħarrkin miżżewġin Ċini eċċepew:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija irritwali billi ċ-ċitazzjoni ma ġietx prezentata entro t-termini preskritt mil-liġi;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi kienu kkommettew spoll proprju fil-konfront ta' l-eċċipjenti u kwindi ma jistgħux jippretendu li l-eċċipjenti kkommetew spoll fil-konfront tagħhom;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fil-21 ta' Frar, 2000[1], mehmuż ma' liema kien hemm l-affidavit bix-xhieda tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek waqt is-smigħ tal-21 ta' Marzu, 2001[2], mehmuż ma' liema kien hemm l-affidavit bix-xhieda tiegħu;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet, u rat ukoll il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat id-Degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2001, li bih u fuq talba tal-imħarrek tatu l-fakulta' li jitressqu l-provi li fadallu bil-mezz tal-affidavit;

Rat li l-imħarrek ma ressaq l-ebda xhieda bl-affidavit saż-żmien lilu mogħti;

Rat id-Degriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2001, li bih tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu noti ta' Sottomissjonijiet tal-aħħar dwar il-każ;

[1] Paġ. 18 tal-proċess
[2] Paġġ. 65-7 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-31 ta' Diċembru, 2001[3];

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba tal-imħarrek, tat iżjed żmien biex l-imħarrkin iressqu n-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, liema żmien reġa' ġie mġedded b'Degriet ieħor tagħha tal-21 ta' Marzu, 2002, fuq talba tal-imħarrkin;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Mejju, 2002, fejn, fost l-oħrajn, l-avukat tal-imħarrkin iddikjara li ma kienx beħsiebu jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-21 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tat-23 ta' Jannar, 2003, u tat-30 ta' Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' spoll privileġġat. L-atturi, li għandhom raba' f'idejhom li jinsab fl-inħawi tal-Banda l-Bajda jew Tar-Remel, f'Wied ta' Sant'Antnin, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, f'Malta, qegħdin jixlu lill-imħarrek jew lil xiħadd imqabbad minnu li għamel katnazz ma' xatba li minnha huma kienu jidħlu għar-raba' tagħhom. L-atturi qegħdin jitlobu li jingħataw lura l-aċċess li tteħdilhom għar-raba' tagħhom mill-imsemmija trejqa;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qegħdin jgħidu li l-kawża ma saritx sewwa għaliex ma tressqitx fiż-żmien li trid il-liġi, u li, minbarra dan, kienu l-atturi li wettqu spoll fil-konfront tagħhom;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-attur ilu jokkupa għal xi snin porzjon ta' raba' li jinsab f'Wied Sant'Antnin, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Biex jidħol fir-raba'

---

[3] Paġġ. 101-6 tal-proċess

tiegħu, kien jgħaddi minn mogħdija li, minn xi sitt (6) snin ‘l hawn, kellha xatba li tinqafel. Ix-xatba kienet saret mill-imħarrek li kien ta kopja taċ-ċavetta lill-attur u żamm oħra għalih. Il-mogħdija hija meħtieġa biex l-attur jgħaddi bl-inġenji għal ġol-għalqa tiegħu, għaliex għalkemm teżisti mogħdija oħra minn fejn wieħed jista’ jidħol, din m’hijiex komda[4]. Hu jgħid li l-imħarrek, jew xiħadd imqabbad minnu, bidel il-katnazz li kien jagħlaq ix-xatba u meta ra hekk l-attur qatgħu u l-aħħar li seħħlu jidħol fir-raba’ tiegħu kien fit-23 ta’ April meta l-katnazz kien maqtugħ. Minkejja dan, meta reġa’ mar biex jidħol fis-26 t’April, sab li kien inbidel il-katnazz u ma setax jidħol għar-raba’ tiegħu, u waqt li kien qiegħed jipprova jaqta’ dan ukoll, inżamm mill-imħarrek li ġablu wkoll lill-pulizija. Il-kawża nfetħet fil-5 ta’ Mejju, 1999, u l-imħarrkin laqgħu għandhom kopja tal-atti fit-22 ta’ Mejju, 2000;

Illi l-attur jiġi ħu l-imħarrka. L-attur jgħid li huwa bidwi *full timer* u joqgħod mhux ‘il bogħod wisq mir-raba’ mertu tal-każ. Bin l-imħarrkin, filwaqt li jinġieb mal-attur, hu miksur minn ma’ missieru. Minbarra dan, bejn l-attur u l-imħarrek għaddejja kwestjoni dwar ir-raba’ ta’ dawk l-inħawi. Ir-raba’ fl-inħawi huwa miżmum mill-aħwa Gatt, u l-ħbula tar-raba’ jmissu ma’ xulxin. Ir-raba’ li hu f’idejn l-attur qiegħed iżjed ‘il ġewwa minn dak f’idejn l-imħarrkin, meta wieħed iqisu mill-mogħdija jew trejqa li minnha wieħed jidħol għar-raba’[5]. Għall-katnazz tax-xatba ta’ ġewwa (dik mertu tal-każ)[6], kellhom ċavetta kemm l-attur u kif ukoll l-imħarrek[7]. Ix-xatba kien għamilha l-imħarrek xi snin ilu[8], ma kinitx hemm minn dejjem[9] u kien l-imħarrek stess li ta kopja taċ-ċavetta lill-attur[10];

Illi wara li fis-26 t’April, 1999, l-attur sab li ma setax jidħol fir-raba’, ressaq kwerela[11] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li b’sentenza tal-għoxrin (20) t’Ottubru, 1999, sabet lill-imħarrek ħati fuq l-akkuża mressqa ta’ tfixkil tal-attur mill-

[4] Affidavit attur 16.2.2000, f’paġ. 20 tal-proċess
[5] Dok “X1”, f’paġ. 60 tal-proċess
[6] Dokti “X3” u “X4”, f’paġġ. 62-3 tal-proċess
[7] Xhieda ta’ Rosario Gatt 14.11.2000, f’paġ. 37 tal-proċess
[8] Xhieda ta’ Roderick Ċini 14.11.2000, f’paġ. 40 tal-proċess
[9] Xhieda ta’ Gawdenz Ċilia 31.1.2001, f’paġġ. 52-3 tal-proċess
[10] Xhieda ta’ Maria Ursola Gatt 31.1.2001, f’paġġ. 49-50 tal-proċess
[11] Dok “PG2”, f’paġ. 44 tal-proċess u xhieda tal-attur 31.1.2001, f’paġ. 47 tal-proċess

pussess tiegħu għar-raba’[12]. Bidwi ieħor li jżomm raba’ fil-qrib (Gawdenz Ċilia) għamel żmien kellu aċċess għar-raba’ tiegħu mill-imsemmija xatba, imma wara l-episodji li nqalgħu f’April tal-1999, wasal f’arranġament ma’ bidwi ieħor u beda jidħol fir-raba’ tiegħu minn band’oħra wara li ġarraf parti mill-ħajt tar-raba’ tal-ieħor;

Illi l-imħarrek jisħaq li r-raba’ tinsab f’idejh b’titolu ta’ qbiela u jgħid li ilu magħruf mis-sid għal madwar tletin sena. Fisser[13] x’kien li wasslu jwaħħal ix-xatba fl-1993, u kif ħalla lil ibnu Roderick biex jieħu ħsieb ir-raba’ u r-razzett sakemm idum imsiefer fuq xogħol. Sakemm l-imħarrek dam barra minn Malta, ħalla kollox f’idejn ibnu, magħduda ċ-ċavetta tax-xatba. L-imħarrek dam jaħdem barra minn Malta sal-1996, u matul dak iż-żmien kien ġej u sejjer kull tliet xhur. Filwaqt li jinsisti li lill-attur qatt ma tah permess jgħaddi għar-raba’ tiegħu minn fuq ir-raba’ tal-imħarrek, jistqarr li l-attur kien jgħaddi minn fuq ir-raba’ tiegħu mingħajr l-għarfien tiegħu (tal-imħarrek), għalkemm l-attur seta’ jgħaddi minn mogħdija oħra li titla’ mal-wied. Jgħid ukoll li, minkejja l-protesti li ressaq lill-attur u li dejjem laqagħlu, l-attur baqa’ jgħaddi u għamel xi żmien kien jaħdem ukoll biċċa mir-raba’ tal-imħarrek;

Illi l-imħarrek jgħid li ma kienx hu li għadda kopja taċ-ċavetta tax-xatba lill-attur, imma kien iben l-imħarrek stess li għamel dan. L-imħarrek jistqarr li hu u ibnu ma jitkellmux. L-imħarrek jispjega li, minħabba li dak iż-żmien li skopra dan kien jgħix fid-dar tal-kunjata tiegħu, ma setax jirreaġixxi għal dak li kien għamillu ibnu: baqa’ jibża’ minnha u mit-theddid tagħha ukoll wara li mar jgħix fid-dar tal-Imtarfa. Imma, jgħid, fl-aħħar iddeċieda li jaqbad ‘il-barri minn qrunu u biddel il-katnazz tax-xatba fi Frar tal-1999. Jgħid li minkejja li l-attur qata’ l-katnazz u dan għal darbtejn, hu reġa’ waħħal ieħor. Kollox sar fi Frar tal-1999. L-imħarrek jgħid li kemm l-attur u kemm ibnu m’humiex qegħdin jgħidu s-sewwa meta jsemmu li l-katnazz inbidel f’April tal-1999. Dan baqa’ jtennih ukoll fil-kontro-eżami li sarlu[14];

---

[12] Dok “PG1”, f’paġ. 43 tal-proċess
[13] Affidavit Mario Ċini 21.3.2001, f’paġġ. 65-7 tal-proċess
[14] Xhieda tal-imħarrek fil-kontro-eżami 22.11.2001, f’paġġ. 98-9 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-każ, jingħad li l-azzjoni mibdija mill-atturi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess;

Illi l-għażla ta' liema azzjoni tinbeda hija mħollija f'idejn min jagħmel il-kawża, u ladarba min jiftaħ kawża jfassalha fuq elementi partikolari, mhux imħolli lill-Qorti li tagħżel x'rimedju ieħor messu fittex l-attur. F'dan il-każ, kif jingħad fl-Att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, l-azzjoni magħżula hija dik ta' spoll;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[15] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[16]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[17], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[18] u dak tal-ispoll[19]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[20]. Huwa magħruf ukoll li din l-

[15] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[16] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[17] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[18] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[19] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata)*;*
[20] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);

azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta' kif jitqies il-pussess f'każ ta' servitu'[21] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[22];

Illi f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-atturi kellhom il-pussess tal-mogħdija li fiha tqegħdet ix-xatba fi grad qawwi u meħtieġ biex isejjes din l-azzjoni. Dan il-fatt ma jirriżultax biss mill-verżjoni mogħtija mill-atturi, imma, kif sewwa jirrilevaw fin-Nota ta' Sottomissjonijiet studjata tagħhom, intgħaraf ukoll minn Qorti oħra, li wkoll għarfet l-għamil tal-imħarrek bħala r-raġuni li minħabba fih l-atturi ċċaħdu minn dak il-pussess. Lanqas ma jiswa jingħad li l-atturi xorta waħda jistgħu jidħlu b'mod ieħor għall-għalqa tagħhom, għaliex huwa magħruf li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm imqar ċaħda parzjali ta' pussess[23];

Illi l-pussess li minnu l-atturi jgħidu li ġew imċaħħda b'għamil l-imħarrkin jew min minnhom huwa l-pussess tal-aċċess għar-raba' tagħhom. Sa dak inhar li nbidel il-katnazz ta' max-xatba, kellhom aċċess bla mittiefes għar-raba' tagħhom minn dik ix-xatba. Dan jikkonfermawh ukoll xiehda barranin għall-atturi li wkoll intlaqtu mill-għamil tal-imħarrek. Il-fatt li l-imħarrek jgħid li l-pussess ingħata minn wara dahru u b'ingann, ma jbiddel xejn mill-fatt li kien jaf li l-atturi kienu qegħdin jidħlu fir-raba' tagħhom mix-xatba u li għall-katnazz tagħha kellhom kopja taċ-ċavetta. Lanqas ma jidher siewi l-argument tal-imħarrek li hu ma waqqafx lill-atturi milli jkomplu jidħlu mix-xatba biex ma jaħbatx difru mal-kunjata tiegħu minħabba t-theddid tagħha. Il-pussess tal-atturi, ukoll jekk f'għajnejn l-imħarrek kien imtebba' bil-mala fede, huwa

[21] Art. 537 tal-Kap 16
[22] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**
[23] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)

pussess mistqarr minnu stess u, fuq kollox, huwa pussess tutelat bl-azzjoni reintegrativa tal-ispoll;

Illi jirriżulta wkoll li l-pussess tal-atturi jmur lil hinn minn wieħed ta' żamma prekarja jew b'tolleranza. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[24]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[25]. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ jista' jingħad li, jekk l-atturi kisbu maż-żmien servitu' personali mnissel minn dritt ta' obbligazzjoni, huma għandhom dritt li jitolbu l-ħarsien tal-liġi permezz tal-azzjoni possessorja tal-ispoll kontra l-awtur tal-għamil li jfixkilhom fil-pussess[26]. Fuq kollox, mill-provi li tressqu, jirriżulta li l-eżerċizzju mill-atturi u saħansitra mill-awtur tagħhom (missierhom) qabilhom, dwar il-mogħdija biex jidħlu fl-għalqa, kien iseħħ sa minn żmien qabel mal-imħarrek kiseb ir-raba' tiegħu f'idejh;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-kwestjoni dwar jekk il-jedd pretiż mill-atturi kienx tassew stabilit bit-titolu jew bil-mogħdija taż-żmien jew jekk kienx wieħed limitat għal jedd ta' passaġġ bir-riġel jew jekk kienx usa' m'hijiex kwestjoni li jmissha titqanqal fil-proċess tal-azzjoni ta' spoll, u lanqas, fil-fehma tal-Qorti, m'għandha titqies unilateralment. Din hi kwestjoni ta' natura petitorja, li t-tarf tagħha jinstab fi proċess petitorju;

Illi kemm hu hekk, l-eċċezzjoni mressqa mill-imħarrkin tinferaq f'żewġ taqsimiet: fl-ewwel parti l-imħarrkin jgħidu li l-azzjoni attriċi hija nieqsa minn elementi essenzjali meħtieġa biex tirnexxi, u fit-tieni parti jgħidu li dak li sar ma kienx għamil kontra l-liġi, imma għamil li jimxi mad-drittijiet ta' proprjeta' tagħhom fuq ħwejjiġhom. Filwaqt li l-ewwel fergħa tal-eċċezzjoni għandha tabilfors tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-provi mressqa, jingħad minnufih li t-tieni fergħa m'hijiex sostenibbli bħala difiża f'azzjoni bħal

[24] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)
[25] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[26] Ara, per eżempju, P.A. **15.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Montebello vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.562**) li kienet tittratta dwar spoll minn mogħdija

din. F'kawża ta' spoll, lill-Qorti ma jinteressaha xejn jekk min jagħmel l-att spoljattiv allegat mill-attur spossessat kienx sid jew kellux jedd patrimonjali fuq dik il-ħaġa. Eżami dwar dak il-jedd imur lil hinn mill-indaġni li trid issir f'azzjoni possessorja ta' integrazzjoni, minħabba li dak huwa eżerċizzju li jolqot il-jeddijiet petitorji tal-partijiet. Għalhekk, għall-finijiet ta' din l-azzjoni, it-tentativi tal-imħarrek biex juri li huwa kien il-gabillott magħruf mis-sid tar-raba' in kwestjoni, jew jekk is-sid kienx insista li din ir-raba' tgħajjat lill-imħarrek biss, huma għal kollox irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kwestjoni preżenti;

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[27]. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[28]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[29], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[30];

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[31]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[32];

---

[27] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
[28] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[29] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[30] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***
[31] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[32] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih[33];

Illi f'dan il-każ, intwera ċar li meta sar ix-xogħol tat-twaħħil tax-xatba u t-tiskir tagħha b'katnazz li l-atturi ma ngħatawx kopja taċ-ċavetta tagħha, dan sar kontra r-rieda tagħhom. Jirriżulta wkoll, bi stqarrija tal-imħarrek innifsu, li x-xogħol għamlu hu stess. Hu jisħaq li dan sar biex ma jibqax iġarrab iżjed ħsara u vendikazzjoni fi ħwejġu u biex terzi persuni ma jibqgħux jirfsu minn fuq ħwejġu. Jgħid ukoll li dan għamlu wara li kien ilu jistabar u meta ra li kien xieraq li "jaqbad 'il-barri minn qrunu". Minkejja dawn il-motivi li setgħu kienu siewja għalih, ma jistax jiġi miċħud li l-effett ta' għamilu ħassewh l-atturi direttament;

Illi, fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li l-ispoll sar mill-attur meta qata' l-katnazz li kien sar mill-imħarrek f'żewġ okkażjonijiet preċedenti f'dawk il-jiem. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-fehma. Hija ssib li, għall-kuntrarju, l-argument tal-atturi għandu iżjed mis-sewwa meta jingħad minnhom li kienet l-ostinazzjoni tal-imħarrek li, għat-tielet darba, raġa' waħħal katnazz ieħor li wasslithom biex talbu r-rimedju tal-liġi;

Illi, kif irriżulta wkoll lill-Qorti kompetenti, l-għamil tal-imħarrek kien wieħed vjolenti, fis-sens li kien għamil li jikkostitwixxi reat magħruf mil-liġi;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha

[33] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)

taqa’ fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta[34];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala’ l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta’ xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b’mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta’ spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippresisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[35]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta’ xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[36];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element huwa wieħed kontestat sewwa. Kemm hu hekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin tgħid mingħajr tlaqliq li l-azzjoni ta’ spoll mibdija mill-atturi ma tiswiex għaliex jonqos sewwasew l-element taż-żmien imsemmi mil-liġi. L-imħarrek jisħaq li dak kollu li sar kien seħħ fi Frar tal-1999, jiġifieri iżjed minn xahrejn qabel ma nbdiet il-kawża. Min-naħa tagħhom, l-atturi (u xi xiehda li ressqu huma) jikkonfermaw li t-tibdil tal-katnazzi seħħ f’April tal-1999. Il-Qorti, wara li rat sewwa x-xhieda mressqa, tasal biex issib li l-verżjoni mogħtija mill-atturi għandha iżjed mis-sewwa. Dan jingħad mhux biss għaliex il-verżjoni tal-imħarrek toħroġ iżjed imċajpra (speċjalment meta wieħed jgħarbilha minn dak li qal waqt il-kontro-eżami tiegħu meta mqabbel mal-verżjoni mogħtija fl-affidavit tiegħu), imma wkoll għaliex dokumenti oħrajn li saru “*a tempo vergine*” jindikaw li l-ġrajjiet li wasslu biex tinfetaħ din il-kawża seħħew tassew lejn l-aħħar jiem t’April tal-1999 u mhux

---

[34] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)
[35] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)
[36] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)

fix-xahar ta' Frar. Dan jidher b'mod partikolari mill-ittra li bih inkitbet il-kwerela min-naħa tal-atturi, u kif ukoll fil-formulazzjoni tal-att tal-akkuża li dwarha l-imħarrek insab ħati fuq il-fatti skond l-akkuża kif dedotta;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi nbdiet fiż-żmien stabilit mil-liġi u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin ma hijiex qegħda tintlaqa';

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed;

Illi jirriżulta li, fil-każ preżenti, t-tliet elementi ewlenin tal-azzjoni attriċi ġew ippruvati kif imiss, u li l-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin ma jsibux l-appoġġ tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li bl-għamil tiegħu li jibdel il-katnazz tax-xatba li minnha l-atturi kienu jidħlu fir-raba' tagħhom fuq imsemmi, u b'hekk ċaħħad lill-istess atturi mill-pussess ta' mogħdija għar-raba' tagħhom, l-istess imħarrek wettaq għamil ta' spoll bi ħsara tal-atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imarrkin biex sa żmien ħmistax-il (15) jum millum, jerġgħu jqiegħdu lill-atturi fil-pussess sħiħ u bla mittiefes tal-imsemmija mogħdija kif kienet qabel April tal-1999;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tawtorizża minn issa lill-atturi biex jagħmlu huma, bi spejjeż tal-imħarrkin, dak kollu meħtieġ biex jerġgħu jieħdu lura l-pussess tal-mogħdija, jekk kemm-il darba l-imħarrkin jonqsu li jagħtu lura l-pussess sħiħ fiż-żmien mogħti; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, kif mitlub mill-atturi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------